MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 58/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Bugeja talli bhala l-bniedem li ghandu licenzja sabiex jimmanifattura loghob tan-nar fil-fabbrika maghrufa bhala 'St. Sebastian Fireworks Factory' li qeghda fil-post maghruf bhala Wied ta' Ras Hanzir limiti ta' Hal Qormi u bhala l-persuna responsabbli mit-tmexxija u s-sorveljanza ta' l-istess fabbrika, naqas li jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega sabiex isir tindif sewwa mill-materjal u fdalijiet ohra ta' bombi mhux sparati minn gol-post li qieghed sitwat fil-limiti ta' Marsa Sports Club limiti ta' Hal Qormi, wara li fil-15 ta' Lulju 2001 u matul il-granet precedenti,

mill-imsemmi post sar hruq ta’ loghob tan-nar fl-okkazzjoni tal-festa ta’ San Bastjan u konsegwenza ta’ hekk b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, u b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti dwar ix-xoghol u manifattura tal-loghob tan-nar, ikkaguna offizi ta’ natura gravi f’idejn ix-xellugija ta’ Clint Grech ta’ 13-il sena minn Hal Qormi u dana skond ma kif verbalment iddikjaraw it-tobba Vella Baldacchino MD u John Briffa MD ta’ l-Isptar San Luqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Frar 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Raymond Bugeja hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 225 u 226(1)(a) u 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghal xahrejn prigunerija sospizi ghal sena;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Raymond Bugeja pprezentat fil-5 ta’ Marzu 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentament tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-Ligi, u, minghajr pregudizzju, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) ir-rizultanzi processwali ma jwasslux sal-grad rikjest mil-ligi biex jinstab hati ta’ l-imputazzjoni dedotta. Jghid li hi mankanti l-prova konklussiva li l-bomba li biha wegga’ Clint Grech kienet tappartjeni lill-Ghaqda tan-Nar San Sebastjan; (2) minghajr pregudizzju, fic-cirkostanzi rizultanti ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jghid illi hija mankanti l-prova konklussiva li l-“bomba” li biha wegga’ Clint Grech kienet tappartjeni lill-Ghaqda tan-Nar San Sebastjan u konsegwentement wisq anqas setghet saret il-prova konklussiva tan-ness bejn l-allegat operat tieghu u l-offiza gravi sofferta minn Clint Grech. Jaghmel referenza ghan-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu tas-26 ta’ Mejju 2006 u jzid jghid illi parti mit-tindif isir billi jinharaq il-haxix tal-*area* fejn tkun saret l-attivita` tal-hruq tan-nar tal-festa. Skond l-appellant, dan ifisser necessarjament illi b’tali nar il-bombi mhux sparati effettivament jiehdu u jispiccaw fix-xejn u l-potenzjalita` taghhom tigi newtralizzata. Ghalhekk jistaqsi, la darba sar ukoll il-hruq tal-haxix u l-allegata sejba tal-bombi mit-tfal koncernati saret madwar xahar u ftit jiem wara l-festa ta’ San Bastjan u fin-nofs kien hemm il-festa u l-hruq tan-nar tal-festa ta’ Maria Regina tal-Marsa, kif jista’ wiehed jikkonkludi li l-bomba li wegghet lil Clint Grech kienet tappartjeni lil ta’ San Bastjan?

Huwa evidenti li dan l-aggravju ta’ l-appellant jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta’ Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Paul Hili**, 19 ta’ Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Etienne Carter**, 14 ta’ Dicembru 2004 **Ir-**

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or**

---

**Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblik ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura mill-ewwel Qorti kif ukoll hadet konjizzjoni tax-xiehda ta' l-appellant moghtija fis-seduta tat-18 ta' Frar 2009 quddiem din il-Qorti.

Mill-provi jirrizulta li fis-26 ta' Awissu 2001 Clint Grech wegga' meta kien qieghed jahraq bomba li hu u tfal ohrajn kienu sabu. Skond Anthony Zammit, Philip Grech u Jonathan Vella din il-bomba u xi ohrajn li hbew, sabuhom minn fejn jaharqu n-nar tal-festa ta' San Bastjan. Skond Clint Grech pero` l-bomba li wegga' biha sabuha fil-wied. Assumendo li l-bomba in kwistjoni nstabet fl-ghalqa minn fejn jaharqu n-nar ta' San Bastjan, irid jigi determinat jekk effettivament dik il-bomba kinitx tal-fabbrika tan-nar San Bastjan.

Skond l-Ispettur Paul Bond, wara li gara l-incident li fih wegga' Clint Grech, huwa mar fuq il-post mnejn jaharqu n-nar tal-festa ta' San Bastjan flimkien ma' membri ohra tal-korp tal-Pulizija u hemm sabu sitt bombi mhux sparati. Dawn urihom lill-appellant qabel ma hadlu l-istqarrija u, skond l-Ispettur Bond, l-appellant qallu li "dawk bhal taghhom". Fl-istqarrija tieghu l-appellant gie mistoqsi jekk is-sitt bombi kinux mix-xoghol taghhom u t-twegiba tieghu kienet "Ahjar ma nghid xejn." Mistoqsi ghaliex ma riedx jghid, wiegeb "Ghax dawn ta' kulhadd l-istess." Hawn jinghad mill-ewwel illi jekk l-appellant verament qal lill-Ispettur Bond illi l-bombi kienu "bhal taghhom", dan ma jfissirx necessarjament illi "huma taghhom".

L-ewwel Qorti fis-sentenza taghha kkummentat illi peress illi l-appellant u l-kumitat kienu jafu bil-grajja fejn l-istess Clint Grech u l-hbieb tieghu kienu tkeccew mill-post minn fejn kien qieghed jinharaq in-nar wara li kienu dahlu biex jigbru bombi li ma jkunux hadu, kellhom jittiehdu mizuri aktar stretti biex jassikuraw li hadd ma jidhol f'dik l-areja qabel ma ssir il-hidma tat-tindif sew u kellhom jassikuraw li l-Pulizija jibqa'ghassa matul il-lejl kollu. Huwa car li l-ewwel Qorti kienet qed tirreferi ghall-gurnata tal-festa, cioe` l-Hadd. Il-grajja in kwistjoni kienet sehhet l-Erbgha ta' qabel. Filwaqt illi s-suggeriment ta' l-ewwel Qorti huwa suggeriment validu, b'dan illi l-ghassa tista' tinzamm anke minn voluntiera u mhux necessarjament mill-Pulizija, dak illi forsi sfugga lill-ewwel Qorti hu illi l-bomba in kwistjoni ma nstabitx la "aktar tard" fil-gurnata ta' l-Erbgha u lanqas "aktar tard" fil-gurnata tal-Hadd. Il-festa kienet fil-15 ta' Lulju 2001. L-incident li fih wegga' Clint Grech sehh fis-26 ta' Awissu 2001. Skond Anthony Zammit, Philip Grech u Jonathan Vella, marru jaharqu l-bomba fl-istess gurnata li sabuha. Jonathan Vella jispecifika li ghal xis-6.30 p.m. sabu l-bombi u marru jaharqu ghal xit-8.00 p.m. wara li kielu *takeaway*. Jigifieri l-incident gara 42 gurnata wara l-festa.

Kif diga` ntqal, wara l-incident in kwistjoni l-Pulizija accedew fl-ghalqa mnejn jinharaq in-nar u minn hemm elevaw materjal li ma kienx inharaq. Fl-14 ta' Novembru

2001 sar access mill-perit tekniku l-A.I.C. Valerio Schembri, nominat mill-ewwel Qorti, u waqt l-access ingabret berqa mhux sparata. Dawn il-provi ngabu mill-prosekuzzjoni bhala prova li ma kienx sar tindif sew. Mill-banda l-ohra l-appellant ressaq provi li ftit granet qabel l-incident in kwistjoni kien hemm il-festa ta' Maria Regina tal-Marsa u nharaq nar vicin il-post minn fejn kien jinharaq in-nar tal-festa ta' San Bastjan. Carmel Cauchi xehed li kienu sahansitra ghamlu rapport lill-Pulizija dwar dan. L-appellant fil-fatt indika l-post minn fejn harqu huma u l-post minn fejn harqu ta' Maria Regina.

Il-prosekuzzjoni trid tipprova minghajr dubju ragjonevoli li l-bomba li biha wegga' Clint Grech kienet tal-fabbrika tan-nar San Bastjan. Wara li din il-Qorti ezaminat il-provi kollha, fid-dawl ta' l-osservazzjonijiet hawn maghmula, hi tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq dak il-grad ta' prova. Difatti din il-Qorti baqghalha *lurking doubt* dwar dan il-fattur li hu essenzjali biex tista' tirnexxi l-azzjoni kriminali dedotta kontra l-appellant.

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------